# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 1657/93 JF**

**Saviour FARRUGIA bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Arretrati ghan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Telemalta.**
**vs**
**Paul BORG BONACI.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefon bejn il-partijiet, il-konvenut noe ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm335.49 (tlett mija u hamsa u tletin lira u disa' u erbghin centezmu) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 239013

(tnejn tlieta disa' zero wiehed tlieta) li kien gie installat fl-indirizz 107, Archbishop Street, Valletta;

U premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telefonati lokali kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat a Dokument A;

U premess illi minkejja interpellat ihallas il-kont dovut, il-konvenut baqa' inadempjenti.

TALAB li dina l-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lilll-attur noe s-somma ta' Lm335.49 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telefon numru 239013 skond il-prospett esebit a Dokument B, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mid-data ta' kontijiet relattivi kontra l-konvenut.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Paul Borg Bonaci;

Jeccepixxi bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-kont mitlub mill-attur hu ezagerat u mhux dovut fl-interita' tieghu u dan jista' jirrizulta mill-kontijiet.

3. Illi l-konvenut zgur ma ghamilx l-ammont ta' calls u pulses li hemm indikati fil-kont;

4. Illi l-azzjoni attrici hi preskritta.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament ukoll id-decizzjoni in parte moghtija minn din il-Qorti, kif dakinhar diversament presjeduta, moghtija fit-23 ta' Jannar 1998, u li permezz taghha giet michuda bl-ispejjez ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenut riferibbilment ghall-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat li wara din is-sentenza l-konvenut mhux talli ma ressaqx provi biex isostni l-eccezzjonijiet tieghu fis-sens li l-ammont mitlub minnu mill-kontro-parti kien wiehed ezagerat u mhux dovut kollu imma impejna ruhu li jhallas lill-korporazzjoni. Jidher li l-konvenut pero' baqa' ma onorax l-impenn minnu assunt biex jissalda d-debitu tieghu, baqa' inadempjenti, u ghalhekk, gustament, l-attur nomine insista ghal sentenza. Mill-bqija l-kreditu tal-attur nomine jirrizulta sufficjentement ipprovat - ara wkoll il-prospett tas-sorte a fol 5 tal-process ghall-ammont mitlub fis-somma ta' Lm335.49 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu).

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li terga' taghmel referenza ghad-decizzjoni in parte moghtija fit-23 ta' Jannar 1998 fejn giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u filwaqt li tichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut tilqa' t-talba attrici kif dedotta u fl-ammont mitlub u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur nomine l-ammont ta' Lm335.49 bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali (a fol 35 tal-process) sal-pagament effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH